

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2188****tat-8 ta' Novembru 2022****li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 33(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.
- (2) Fl-14 ta' Settembru 2022, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU"), stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU aġġorna l-informazzjoni relatata ma' żewġ entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill  
Il-President  
Z. STANJURA

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.

## ANNEX

Fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, taħt l-intestatura "B. Entitajiet", l-entrati 36 u 74 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Lokalità	Data tad-deżinjazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
"36.	Singwang Economics and Trading General Corporation		Indirizz: DPRK	30.11.2016	Hija intrapriża tar-RDPK għall-kummerċ tal-faħam. Ir-RDPK tiġġenera sehem sinifikanti tal-flus għall-programmi nukleari u ta' missili ballistiċi tagħha bl-estrazzjoni ta' riżorsi naturali u l-bejgħ tagħhom barra mill-pajjiż.
74.	Weihai World-Shipping Freight		Indirizz: 419-201, Tongyi Lu, Huancui Qu, Weihai, Shandong 264200, China; Numru tal-OMI: 5905801	30.3.2018	Maniġer kummerċjali u tal-vapur ta' XIN GUANG HAI, bastiment li għabba faħam f'Taeon, ir-RDPK fis-27 ta' Ottubru 2017 u kellu bħala ħin smat tal-wasla l-14 ta' Novembru 2017 f'Cam Pha, il-Vjetnam, iżda ma wasalx."